MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 121/2009

**Cyril Edwin Buckland ID 0019714A u Christine Buckland ID 001713A**

**Vs**

**Martins Abdilla ID 705253M u Angela Abdilla ID 715253M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Frar, 2009 fejn l-atturi talbu thallas is-somma ta' elf hames mija wiehed u disghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,591.82) inkluz VAT minhabba danni u hsarat minhabba perkolazzjoni ta' ilma li gejjin mill-fond sovrastanti propjeta' ta' l-atturi.

Illi tali hsarat irrizultaw minhabba l-perkolazzjoni ta' ilma li gejja mill-fond tal-atturi u dan kif jirrizulta mill-anness rapport tal-Perit ArkitettKenneth Zammit Endrich datat Marzu 2008, imarkat Dok A;

Illi sabiex jigu rrangati l-hsarat fil-fond ta' l-atturi, l-atturi jridu jhallsu plumber sabiex jirranga l-hsarat li gejjin mill-fond tal-konvenuti fl-ammont ta' elf hames mija wiehed u disghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,591.82) inkluz VAT kif jirrizulta mill-anness dokument maghmul minn Anthony D'Anastasi li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala Dok.B;

Illi ghaldaqstant l-atturi kellhom bilfors jintavolaw din il-kawza sabiex jirkupraw id-danni taghhom li jammontaw ghas-segwenti:

Elf hames mija wiehed u disghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,591.82) inkluz VAT - spejjez u drittijiet tal-plumber Anthony D'Anastasi;

Erbgha u disghin ewro u erbatax-il centezmu inkluz VAT - spejjez u drittijiet ghar-rapport tal-Perit Arkitett Zammit Endrich.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna l'ghaliex dan itTribunal m'ghandux:

i) Jiddikjara li l-konvenuti huma flimkien u in solidum responsabbli ghal hsarat u danni ta' perkolazzjoni ta' ilma li skulaw fil-fond ta' l-istess atturi bl-indirizz "Essex House" Triq ta' Xtut, Qawra;

ii) Jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum ihallsu s-somma ta' elf sitt mija hamsa u tmenin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,685.96) inkluz VAT, ghall-hsarat u danni sabiex jigi rimedjat il-perkolazzjoni ta' ilma li gej mill-fond ta' l-atturi u li dahal fil-fond tal-konvenuti;

iii) Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha inkluz ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Mejju, 2008, immarkat Dok C.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Il-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fit-23 ta' Marzu, 2009 fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Il-konvenuti m'humiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi stante illi 'hemm l-ebda perkolazzjoni ta' ilma mill-appartament tal-konvenuti ghal gol appartament tal-atturi, kif jista' jigi accertat permezz ta' periti nominati;

3. Illi l-istima ta' Anthony D'Anastasi tirreferi ghal spejjez strutturali u ta' abbelliment u mhux ta' plumbing u in ogni caso ija eccessiva;

4. Illi l-ebda Perit inkarigat mill-atturi qatt ma spezzjona l-appartament tal-konvenuti sabiex jivverifika hemmx perkolazzjoni ta' ilma o meno.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Fl-istess waqt ghamel kontro-talba fejn talab illi l-atturi huma responsabbli ghall-kondazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-konvenuti b'rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-appartament tal-atturi ghal gol garage tal-konvenuti sottopost ghall-istess, liema danni ma jeccedux tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi.

Inghata sentenza preliminari dwar il-fatt illi r-risposta tal-konvenut kienet fuori termini u intalab l-isfilz taghha. It-Tribunal cahad din it-talba u l-kawza tkompliet.

Xehed il-konevnut Martin Abdilla fejn qal illi bil-problema tal-attur sa fejn jaf meta nfethet il-kawza mentri hu kellu problema li tmur lura ghas-sena 2006, fit-travu tal-garage tieghu liema travu hua ta' sappurt ghal binja kollha. Fuq il-garage hemm il-fond tal-atturi. Il-konvenut kellu ingress ta' ilma i kien qed jidhol fuq in-nota ta' gewwa tal-garage. Meta l-konvenut induna b'dan u qal lill-attur dan beda jghajjat. Dan l-ingress ta' ilma kien gej minn taht il-kcina tal-atturi.

Xehed l-attur Cyril Edwin Buckland fejn spjegalu illi l-problema li ghandu hu tal-ilma bdiet fil-25 ta' Marzu, 2007. Din il-problema kienet tissolva ghal ftit u terga ghal li kienet. Qal illi mhux responsabbli ghal dak miktub fil-kontro talba.

Xehdet Christine Buckland mart l-attur li kkonfermat dak kollu li qal zewgha.

Xehed Anthony D'Anastasi li huwa l-plumber/electrition u tile layer tal-attur u qal illi hu ra l-hsara u fl-opinjoni tieghu l-ilma gejn minn fuq.

Xehed il-perit Kenneth Zammit Endrich li kkonferma r-rapport tieghu u qal ukoll olli l-ilma kien diehel mill-ventilatur u minn postijiet ohra fis-saqaf. B'dan ried jghid illihemm tbajja li juru li dahal l-ilma.

Fl-1 ta' Dicembru, 2011 giet ipprezentata risposta ghal kontro-talba fejn l-attur eceppixxa illi t-talbiet tal-konjugi Abdilla huma certament infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt li dak allegat mill-konjugi Abdilla.

Fil-kontro-talba taghhom kienet kwistjoni ta’ perkolazzjoni ta’ ilma li kien gej minn fond ta’ persuni terzi li jinsab adjacent mal-fond/garaxx tal-konjugi Abdilla.

Bl-ispejjez kontra l-istess konjugi Abdilla.

Fis-27 ta' Frar, 2013 gie 'pprezentat tahrika ta' xhud ghal Philip Mifsud fejn flimkien maghhom a fol mija u tlieta u sebghin (173) giet ipprezentata stima li tlahhaq l-ammont ta' hamest elef tlett mija u  ghaxar ewro (€5,310).

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi mill-provi li gab l-attur ma jirrizultax illi l-hsara li grat fil-propjeta' taghhom tirrizulta biss minn hsarat li kien hemm fil-kamra ta' fuq tal-konevnut. Tosserva ukoll il-ventilatur illi setgha dahal l-ilma minnu.

Ghalhekk b'ekwalita t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici limitatament ghal ammont ta' elf ewro (€1,000) u ghalhekk jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf ewro (€1,000) lil attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Fir-rigward tal-kontro-talba li l-konvenut ipprezenta dokument li jeciedi l-limitu tat-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal mhux kompetenti sabiex jiddecidi fuq il-kontro-talba.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------